MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 401/2007/1

**Josephine Concetta sive Joconnie Chircop**

**v.**

**Oreste Chircop**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell maghmul mill-konvenut [l-appellant] minn sentenza moghtija fit-12 ta' Lulju 2013 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti, ippronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet tort unikament tal-konvenut, ordnat lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentarja ta' hames Euro (€5) euro fix-xahar b'effett mill-1 ta' Awwissu 2013, ordnat l-applikazzjoni fil-konfront tal-konvenut tal-Artikolu 48 tal-Kap.12, fl-intier tieghu, u ordnat ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u assenjat l-assi tal-komunjoni bil-mod segwenti:

> "… … billi tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond numru 34 "Simon", Triq l-Annunzjata, Tarxien (a bażi tas-somma ta' tmienja u erbgħin elf Ewro (€48,000) kif stmat mill-perit tekniku, u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ugwali; tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u għoxrin Ewro (€21,224), mentri l-konvenut min-naħa tiegħu dovut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erbat elef ħames mija u

wieħed u sittin Ewro (€4,561) fi żmien tliet xhur wara l-bejgħ imsemmi; il-kontijiet kollha bankarji lokali f'isem il-partijiet għandhom jiġu assenjati lil min huma intestati; iżda dawk intestati konġuntivament, kif ukoll bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejniet il-kontendenti; tordna lill-attriċi tħallas ħames mitt Ewro (€500) lill-konvenut u tawtorizżaha żżomm l-oġġetti msemija a fol 316, u ċjoe' s-sufan *three seater* tal-*cane*, il-*wall unit* tal-*cane*, *water heater* tal-50 litru, tlett ċilindri tal-gass u linfa antika;[1]"

## Is-Sentenza Appellata

**2.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghall-fini tal-appell odjern:

**"TORT**

" - - Ommissis - -

"Illi kif ġja' ngħad u jidher mill-affidavits, il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ madankollu l-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jkun hemm dubju li huwa

[1] U b'digriet tat-30 ta' Lulju 2013 ir-raba' paragrafu fil-parti dispożittiva tas-sentenza ġie kkoreġut biex jaqra:

*4. Fir-rigward tar-raba' u l-ħames talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond numru 34 "Simon", Triq l-Annunzjata, Tarxien (a bażi tas-somma ta' tmienja u erbgħin elf Ewro (€48,000) kif stmat mill-perit tekniku, tordna li mir-rikavat l-attriċi tippreleva s-somma ta' erbat elef, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€4,561.15) rappreżentanti kreditu parafernali tagħha, l-intimat jippreleva s-somma ta' erba' mija u disgħa u tmenin Ewro (€489), rappreżentanti kreditu parafernali tiegħu, u l-bilanċ jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ugwali; tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u tletin Ewro (€20,735) fi żmien tliet xhur wara l-bejn imsemmi; il-kontijiet kollha bankarji lokali f'isem il-partijiet għandhom jiġu assenjati lil min huma intestati; iżda dawk intestati konġuntivament, kif ukoll bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejniet il-kontendenti; tordna lill-attriċi tħallas ħames mitt Ewro (€500) lill-konvenut u tawtorizżaha żżomm l-oġġetti msemija a fol 316, u ċjoe' s-sufan three seater tal-cane, il-wall unit tal-cane, water heater tal-50 litru, tlett ċilindri tal-gass u linfa antika;*

l-konvenut li l-aktar jaħti f'dan l-aspett. Huwa jammetti (fol. 228) li kellu relazzjoni ma' mara oħra u anke kellu tarbija mingħandha.

"Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha illi tenut kont ta' kollox kien it-tradiment konjugali tiegħu li kien l-akbar addebitu biex tfarrak iż-żwieġ. Kif ġie ritenut fil-kawża riportata fil-**Vol. XXXVII-ii-693**, *"l-adulterju dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali."* Wara kollox fir-rigward tal-attriċi m'hemmx l-iċken addebitu fir-rigward. Hemm lok ukoll allura għall-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.

**"MANTENIMENT**

"Illi għandu jingħad illi l-partijiet it-tnejn jaħdmu u l-attriċi f'ebda ħin ma għamlet xi talba biex tiġi akkordata manteniment. Għalhekk ċertament ma għandha ebda bżonn impellenti għal dan u jidher li għaddejja tajjeb bis-salarju tagħha. Il-Qorti pero' trid tagħmilha ċara li dan ma jfissirx li hija ddekadiet minn dan id-dritt iżda sempliċement ma hemmx lok għal deċizjoni dwar il-kwistjoni; kwindi se tordna ħlas ta' manteniment nominali ta' ħames Ewro (€5) fix-xahar.

**"PROPJETA'**

**"(Beni mmobbli)**

"L-uniku proprjeta' mmobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali 34, *Simon,* Triq l-Annunzjata, Ħal Tarxien li l-partijiet xtraw flimkien fl-1997 (qabel iż-żwieg) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Debono. Din ġiet stmata tmienja u erbgħin elf Ewro (€48,000) mill-perit tekniku u għandha tinbiegħ a bazi ta' dan il-prezz. Qamu kwistjonijiet sostanzjali dwar spejjeż magħmula mill-partijiet f'din id-dar u fid-dar parafernali tal-attriċi li hija xtrat fl-1994. Fil-konklużjonijiet tiegħu l-perit imsemmi kkonkluda wkoll li l-konvenut għamel xogħlijiet b'kemm jiswew erba' mija disgħa u tmenin Ewro (€489) fid-dar matrimonjali fl-1997, fil-waqt li saru xogħlijiet b'kemm jiswew tmienja u tletin elf mija u sittax-il Ewro (€38,116) fid-dar tal-attriċi (dawn saru waqt iż-żwieġ fl-2000 jew 2001). Xogħol li sar mill-

attur fl-istess proprjeta' u dejjem matul iż-żwieġ ġie stmat fis-somma ta' tliet elef, tliet mija erbgħa u ħamsin Ewro (€3,354). Il-Qorti ser tistrieħ fuq l-ammonti likwidati mill-espert għas-soliti raġunijiet kif espressi fis-sentenza mogħtja riċentement minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Cutajar vs Ciappara"**;

"Illi normalment, il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ma jkollix għalfejn ma taddottax u ma tagħmilx tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiza fit-23 ta' Ġunju 1967 fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat et"** *"għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta' lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli".* Bl-istess mod hija deċiża l-kawża fl-ismijiet **"Philip Grima vs Carmel Mamo et"** deċiża mill-(Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju 1998) – (ara wkoll **"Josephine Micallef vs Louis Zammit"**, deċiża fil-11 ta' Ottubru 2010 minn din il-Qorti).

"Illi l-Qorti taqbel ukoll li l-ammont applikabbli huma l-ħlasijiet u l-valuri ta' dak iż-żmien u mhux ta' issa.

"Illi l-attur qed jippretendi wkoll ħlas tal-apprezzament tal-valur tad-dar tal-attriċi iżda naturalment din il-pretensjoni ma għandha ebda fundament legali; huwa qed jitlob li jitħallas ukoll il-valur **kollu** tax-xogħlijiet li saru fiha. Dan ukoll ma għandux fundament legali għaliex ladarba l-ħlas sar fiż-żwieġ huwa fil-fatt ħareġ nofs dak l-ammont; in-nofs l-ieħor sar mill-attriċi bħala s-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk il-konvenut għandu jirċievi bħala ħlas għall-ispejjeż u xogħol fid-dar imsemmija s-somma ta' għoxrin elf seba' mija u ħamsa u tletin Ewro (€20,735) u ma' dawn jiżdiedu l- erba' mija disgħa u tmenin Ewro (€489) msemmija; b'kollox wieħed u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u għoxrin Ewro (€21,224).

"Illi l-attriċi da parti tagħha għandha tieħu erbat elef, ħames mija wieħed u sittin Ewro (€4,561) li hija ħarġet aktar mill-attur għall-akkwist tad-dar konjugali u li mhumiex kontestati. Dawn inħarġu **qabel** iż-żwieġ u kwindi għandhom jiġu restitwiti kollha lilha.

**“(Beni mobbli)**

“Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom; iżda peress li huma ilhom iżommu kontijiet separati ikun aħjar u konvenjenti għalihom li kull parti żżomm il-kontijiet intestati f’isimha.

“Illi l-partjiiet indikaw ukoll xi oġġetti mobbli li dwarhom hemm ċerta indifferenza dwar min se jżommhom u min se jitħallas; l-attriċi hija l-aktar disposta żżommhom u l-Qorti taqbel li hija għandha tagħmel dan u tħallas ħames mitt Ewro (€500) lill-attur kif suġġerit minnha; il-valur indikat mill-konvenut jidher minfuħ ladarba l-oġġetti huma wżati.

**“DIVORZJU**

“Kif ġja’ ngħad l-attriċi talbet li t-talba tagħha għal separazzjoni tinbidel għal waħda ta’ divorzju skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili. Billi ndubbjament jeżistu r-rekwiżiti kollha biex it-talba tintlaqa’, u anke peress li ma saret ebda oppożizzjoni mill-konvenut – anzi dan qabel mat-talba, il-Qorti se tilqa’ l-istess talba.”

**3.** L-appellant hassu aggravat mis-sentenza appellata u ressaq hames aggravji li jirrigwardaw: [1] it-tort ghall-firda, [2] il-manteniment, [3] l-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 48, [4] kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti, u [5] l-allokazzjoni tal-ispejjez gudizzjarji.

**4.** Ghalhekk qed jitlob li s-sentenza appellata tigi riformata fid-dawl tal-kontenut tal-aggravji tieghu, bl-ispejjez tal-appell ikun a karigu tal-appellata.

**5.** L-appellata, minn naha taghha, ghar-ragunijiet spjegati minnha fir-risposta taghha, qed titlob li din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata, bl-ispejjez a karigu tal-appellant.

**L-Appell**

*L-ewwel aggravju*

**6.** Dan jirrigwarda t-tort ghal-firda li l-ewwel Qorti attribwiet esklussivament lill-appellant kagun tal-adulterju tieghu. Dik il-Qorti tghid li *"tenut kont ta' kollox kien it-tradiment konjugali tieghu li kien l-akbar addebitu biex tfarrak iz-zwieg."*

**7.** L-appellant jilmenta li din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija rizultat ta' apprezzament hazin tal-fatti maghmula minnha. Hu jispjega li r-relazzjoni adulteruza ma' mara ohra bdiet wara li l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* ghal xi zmien. Jghid li l-partijiet bdew jghixu separatament tal-anqas minn l-ahhar ta' Lulju 2001, filwaqt li t-tifel li twieled minn din ir-relazzjoni extra-matrimonjali, twieled fit-8 ta' Gunju 2004, u ghalhekk ferm wara li hu kien separat *de facto* minn ma' martu. Fir-rigward jghid hekk:

> "Il-partijiet kienu ilhom jghixu separatament ghal aktar minn sentejn meta gie eventwalment koncepit iben l-intimat. B' hekk certament li l-intimat qatt ma seta' jigi attribwit it-tort taz=zwieg minhabba l-adulterjur kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti."

**8.** Huwa jattribwixxi tort lill-appellata ghall-hall taz-zwieg peress li din mal-ewwel hadet vantagg miz-zwieg taghha mal-intimat sabiex tiffinanzja l-bini u t-tlestija tad-dar ta' Swatar li nbniet fuq art parafernali taghha. In sostenn ta' din l-allegazzjoni tieghu huwa jirrileva li l-ewwel fatturi in atti huma datati April 1998 u cioe` xahar wara d-data taz-zwieg u l-ahhar ircevuta in atti hija datata Lulju 2001, u cioe` ftit jiem qabel ma l-appellant ma baqax jabita fid-dar matrimonjali. Jghid li wara z-zwieg bis-sahha tad-dhul tieghu l-appellata setghet tiffinanzja l-bini u t-tlestija tal-proprjeta` parafernali taghha.

**9.** L-appellant isostni li mill-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti *"ghandu facilment jirrizulta li z-zwieg inkwistjoni ma rnexxiex ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet."* u li *"it-tort tat-tifrik taz-zwieg ghandhom igorruh iz-zewg partijiet flimkien."*

**10.** Din il-Qorti tibda biex taghmel osservazzjoni ta' natura generika fis-sens li, ghalkemm il-partijiet xehedu dwar it-tortijiet li attribwew lil xulxin fl-affidavits taghhom, il-parti l-kbira tal-provi, partikolarment dawk li nstemghu *viva voce* mill-ewwel Qorti, kienu limitati ghall-aspett patrimonjali, senjatament il-*quantum* tal-kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti favur l-appellant b'referenza ghall-proprjeta` parafernali tal-appellata fis-Swatar.

**11.** Illi fl-affidavit[2] taghha prezentat fit-18 ta' April 2008 l-appellanti tispjega li l-konvivenza matrimonjali damet ftit aktar minn sentejn li fihom l-appellant kien ikun ta' spiss assenti mid-dar, kien jigdeb meta kien jghid lill-appellata li hu kien ikun ghand ommu, u gieli kien jirritorna d-dar b'riha ta' xorb fuqu. L-appellata tghid ukoll li kien hemm okkazzjonijiet meta l-appellant kien aggressiv, kien ikisser affarijiet fid-dar, u anke kkommetta atti ta' vjolenza fizika fuqha, tant li eventwalment kienet irrikorriet ghand l-Agenzija Appogg ghal ghajnuna. Tghid, li matul il-konvivenza matrimonjali hi kienet saret taf li l-appellant kellu relazzjoni ma' mara ohra, u li kellu tarbija minnha, u li dan il-fatt gie konfermat lilha mill-istess appellant. Tghid li din it-tarbija kienet giet koncepita u twieldet waqt il-konvivenza matrimonjali. L-appellata tghid li zewgha kellu l-vizzju tal-loghob u kien johrog flus mill-kont komuni ghal dan l-iskop.

**12.** Min-naha tieghu, l-appellant ma cahad xejn minn dawn l-allegazzjonijiet maghmula minn martu fl-affidavit taghha, u dan minkejja li l-affidavit tieghu kien gie prezentat hafna zmien wara, u cioe` fl-14 ta' Novembru 2008.

**13.** L-appellant fl-affidavit tieghu jispjega li wara z-zwieg l-appellata bdiet tistudja sabiex issir *nurse* u ghalhekk kienet tqatta' hafna hin barra mid-dar anke matul il-lejl. Jghid li *"Dan fil-fatt wassal biex gieli lanqas niltaqghu id-dar*

[2] Dan gie prezentat seduta stante fl-udjenza tat-18 ta' April 2008 li ghaliha kien hemm prezenti wkoll il-konvenut assistit legalment.

*peress li kienet tigi lura id-dar filghodu wara li jiena nkun hrigt ghax-xoghol."* Jghid li meta l-appellata bdiet tistudja l-atteggjament taghha lejh inbidel u *"bdiet tittrattani qisni xi hadd inferjuri ghaliha."* Kien minhabba dan il-komportament taghha li hu kien jitlaq mid-dar biex jevita konflitti. Jghid li madwar sena u nofs fiz-zwieg l-appellata qabdet u firded is-sodod u qaltlu li ma kinitx ser torqod aktar mieghu.

**14.** L-appellant jirrakkonta kif hu kien jaghmel hafna mix-xoghol tad-dar, bhal tisjir, hasil tal-hwejjeg u tal-art, tindif tal-ghamara, u xiri tal-ikel kollu.

**15.** Jghid li l-appellata kienet tillitika kontinwament mal-familja taghha, tant li ma rieditx lill-genituri taghha jkunu jafu li kienet ser tizzewweg, u ghalhekk hbiet minnhom id-data taz-zwieg. Jghid li kienet tohloq inkwiet ma' kulhadd.

**16.** Minn naha taghha, l-appellata ma cahdet xejn minn dak allegat mill-appellant dwar dan l-aspett tal-vertenza.

**17.** Omm l-appellata fl-affidavit taghha tispjega li hi u zewgha ma kienux kuntenti bir-relazzjoni li binthom kellha ma' l-appellant, peress li kienu jarawh bla hegga u ma kienx bil-ghaqal, u tghid li l-appellata ma kinitx qaltilhom li ser tizzewweg ghaliex huma kienu ilhom jopponu ghar-relazzjoni taghha mal-appellant.

**18.** Din il-Qorti tosserva li bazikament dawn kienu l-elementi ta' prova li kellha quddiemha l-ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzjoni li t-tort tal-hall taz-zwieg kien unikament jirrisjedi fuq l-appellant minhabba l-adulterju tieghu.

**19.** In tema legali jigi osservat li bhala regola generali din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux fil-kaz ta' zball manifest u/jew li parti tkun ser issofri ngustizzja manifesta, jew jekk mill-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**20.** Fil-mertu l-Qorti hi tal-fehema li fl-atti processwali jezistu elementi ta' prova sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni taghha li t-tort tal-firda jirrisjedi unikament fuq l-appellant. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

**21.** [a] Il-fatt li matul iz-zwieg parti mill-introjtu tal-komunjoni mar ghal bini u tlestija ta' dar fuq proprjeta` parafernali tal-appellata ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni sostnuta mill-appellanti li l-appellata hadet *"vantagg miz-zwieg"* taghha mal-intimat sabiex tiffinanzja l-bini fi proprjeta` taghha. Mill-provi jirrizulta li l-ispejjez fil-proprjeta` tal-appellata kienu jsiru bil-kunsens tal-appellant. Di fatti fl-affidavit tieghu stess dan jghid li huma kienu

ftehmu li jizviluppaw l-art tal-appellata bil-ghan li eventwalment imorru jghixu fiha[3]. Ghalhekk kien intiz bejniethom li bil-bini tad-dar kienu ser igawdu z-zewg partijiet billi t-tnejn kellhom il-hsieb li jmorru jghixu fiha, u dan ma sehhx unikament minhabba l-kwistjonijiet li wasslu ghall-hall taz-zwieg tal-partijiet. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-finanzjament tad-dar *de quo* matul iz-zwieg jista' jkollha xi relevanza fuq il-kwistjoni tar-responsabbilita` tal-hall taz-zwieg.

**22.** [b] Il-fatt li mill-provi jirrizulta li t-tarbija li ghandu l-appellant minn mara ohra, twieldet f'Gunju 2004, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li allura r-relazzjoni adulteruza tal-appellant bdiet bil-fors wara s-separazzjoni *de facto* u ghalhekk ma kinitx il-kawza jew wahda mill-kawzi tas-separazzjoni. Jigi ribadit fir-rigward li l-appellata tghid li l-appellant kien ikkonferma li matul il-konvivenza matrimonjali huwa kellu relazzjoni ma' mara ohra li minnha kien ser ikollu tarbija. Dan ma giex michud mill-appellant, u tenut kont li eventwalment irrizulta li dan verament f'xi zmien kellu relazzjoni adulteruza, allura kien jinkombi fuq l-istess appellant li jiccara s-sitwazzjoni u jaghti l-ispjegazzjonijiet opportuni, tenut kont tas-serjeta` tal-allegazzjoni maghmula fil-konfront tieghu, izda mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut cahad din l-allegazzjoni.

**23.** [c] L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghall-allegazzjoni tal-appellata li hi kienet vittma ta' vjolenza domestika da parti tal-appellant, u li dan kien

[3] Fol.75

jabbuza mill-konsum tal-alkohol u li kellu l-vizzju tal-loghob tal-azzard. Ukoll, jigi osservat li dawn huma allegazzjonijiet serji li ghandhom relevanza kbira fid-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghat-tkissir taz-zwieg, izda anke f'dan ir-rigward l-appellant baqa' sieket fil-provi.

**24.** [d] Li, ghalkemm l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jghid li mill-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti din setghet *"facilment"* tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg tfarrak ghal ragunijiet *"imputabbli liz-zewg partijiet",* imkien ma spjega fiex skont hu kienet tikkonsisti l-htija tieghu, la fl-affidavit u lanqas fir-rikors stess tal-appell ma jispjega fejn jirrisjedi t-tort tieghu. Anzi fl-affidavit tieghu huwa jghid kemm kien jaghmel affarijiet fid-dar u jghin lil martu fiz-zmien meta din kienet tistudja ghal *nurse* u kienet taghmel anke iljieli l-isptar.

**25.** [e] Li, ghalkemm fl-affidavit tieghu l-appellant jghid li wara sena u nofs fiz-zwieg l-appellata firdet is-sodod u qaltlu li ma rieditx torqod aktar mieghu, u ghalkemm dan il-fatt ma giex kontraddett mill-appellata, l-appellant naqas li jaghti spjegazzjoni ghal dan il-komportament ta' martu. Il-Qorti tosserva li dan l-atteggjament ta' martu fil-konfront ta' zewgha huwa serju hafna u jmur kontra l-bazi tal-konvivenza matrimonjali, u zgur li l-appellata kienet tatu xi raguni ghall-komportament taghha, izda min-naha tieghu l-appellant ma jghid xejn dwar ir-raguni wara dan l-atteggjament tal-appellata.

**26.** Il-Qorti tosserva li dan il-komportament tal-appellata huwa konformi ma' l-ilmenti taghha fil-konfront tal-appellant u li jirrizultaw inkontraddetti minnu. Dawn huma: li hu ta' spiss wara x-xoghol kien jirritorna lura d-dar tard filghaxija meta l-appellata kienet tkun diga` raqdet, u li l-ispjegazzjoni li kien jaghtiha li hu kien ikun ghand ommu rrizulta li kienet falza; li minhabba li hu kien jidhol tard bil-lejl ta' sikwit kien isibha difficli li jqum ghax-xoghol u ghalhekk minflok imur ghax-xoghol[4] kien johrog, u meta l-appellata darba pprovat tqajjmu, huwa hebb ghaliha; li l-hrug ta' filghaxija beda jsir rutina ghalih, u li lilha ma kienx ikun iridha tohrog mieghu; li *"qatt"* ma kienet issibu d-dar meta kienet tirritorna mix-xoghol; li ma taha ebda spjegazzjoni ghaliex filwaqt li darba hareg bic-*choker* u li tiswa mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250), li kienet rregalatlu l-appellata ghal gheluq snienu, huwa rritorna d-dar minghajrha; li *"aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar konnha niggieldu u ma kienitx l-ewwel darba li refa' idejh fuqi u anke habbattli rasi mal-hajt."*, u dan apparti mid-diversi affarijiet li kien ikisser fid-dar meta kien ikun irrabbjat; li meta ghaddew sentejn miz-zwieg l-appellant tilef kull interess fil-post tas-Swatar u anke fl-appellata.

**27.** Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm jista' jkun minnu li l-appellata ghandha karattru difficli tenut kont ta' kif gabet ruhha mal-familjari taghha, imma l-provi jwasslu ghal konkluzjoni li ghat-tkissir taz-zwieg jahti biss l-appellant, kemm minhabba l-komportament abbuziv tieghu fil-konfront tal-

[4] L-appellata prezentat dokument a fol.75 li jaghti konfort lil din l-allegazzjoni taghha.

appellata li fil-fehma ta’ din il-Qorti jikkostitwixxu ‘sevizzi’ fit-termini tal-Artikolu 40, kif ukoll minhabba r-relazzjoni adulteruza trattenuta minnu, liema relazzjoni eventwalment harget fil-berah bit-twelid ta’ tarbija.

**28.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

**29.** L-appellant jilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li takkorda manteniment nominali lill-appellata, ghax jew hemm lok ghal hlas ta’ manteniment jew m’hemmx. La darba l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-appellata ma ghandha ebda bzonn impellenti ghal manteniment peress li ghaddejja tajjeb bis-salarju taghha, allura ma kellhiex tordna hlas ta’ manteniment, lanqas nominali. Skont l-Artikolu 20 tal-Kap.16 il-manteniment *“ghandu jinghata skond il-bzonn ta’ min jitolbu”.* F’dan il-kaz ma jirrizultax mill-provi li l-appellata ghandha bzonn hlas ta’ manteniment minghand l-appellant.

**30.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti tghid li, ghalkemm ma rrizultax li l-appellata ghandha bzonn li tinghata manteniment u li ghaddejja tajjeb bis-salarju taghha, *“…pero’ trid taghmilha cara li dan ma jfissirx li hija ddekadiet minn dan id-dritt izda semplicement ma hemmx lok ghal decizjoni dwar il-*

*kwistjoni; kwindi se tordna hlas ta’ manteniment nominali ta’ hames euro [€5] fix-xahar.”*

**31.** Din il-Qorti taqbel mal-ilment tal-appellant fir-rigward, u hi tal-fehema li din il-parti tas-sentenza hija pjuttost kontradittorja, ghax jew hemm lok ghal decizjoni f’dan ir-rigward jew m’hemmx, u jekk m’hemmx ma hemmx raguni valida ghal ordni ta’ manteniment anke jekk nominali.

**32.** Il-Qorti tosserva li ma kienx hemm ghalfejn jigi ccarat li l-appellata ma ddekaditx mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha, ghax id-dekadenza trid tirrizulta mis-sentenza wara sejbien ta’ htija ta’ separazzjoni jew hall taz-zwieg. Issa fil-kaz odjern jirrizulta li l-appellata ma kellha ebda htija ghall-hall taz-zwieg, u di piu` ma hemmx pronunzjament gudizzjarju li jghid li hi ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment.

**33.** Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, u dan *ex abundanti cautela* kien ikun bizzejjed li l-Qorti tafferma d-dritt tal-appellata li tesigi manteniment minghand l-appellant bhala l-parti hatja tal-firda fil-kaz li din tisfa’ bla mezzi adegwati sabiex tmantni lilha nnifisha; izda la darba rrizulta li l-appellata *rebus sic stantibus* ghandha mezzi sufficjenti sabiex tmantni lilha nnifisha, mhux il-kaz li jigi ffissat manteniment.

**34.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat

*It-tielet aggravju*

**35.** Dan l-aggravju huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kwantifikat il-kreditu tal-appellant kontra l-komunjoni fl-ammont ta' wiehed u erbghin elf, erba' mija u sebghin Euro (€41,470)[5], b'sehemu allura jkun ta' ghoxrin elf, seba' mija, hamsa u tletin Euro (€20,735), u dan wara li osservat li *"…il-Qorti taqbel ukoll li l-ammont applikabbli huma l-hlasijiet u l-valuri ta' dak iz-zmien u mhux ta' issa."*

**36.** Huwa qed jitlob li din il-Qorti zzid is-somma likwidata favur tieghu mill-ewwel Qorti ghal sitta u hamsin elf, mija u tnejn Euro (€56,102), rapprezentanti:

**37.** [a] wiehed u tletin elf, mija u tnejn Euro (€31,102) bhala valur kurrenti [skont l-eskussjoni tal-perit gudizzjarju[6] tat-18 ta' Jannar 2013], tax-xoghlijiet li saru fil-proprjeta` tas-Swatar, u

[5] Dan l-ammont jirraprezenta inkwantu ghal €38,116 spejjez ta' materjal u xoghlijiet minn terzi inkorsi waqt iz-zwieg fis-snin 2000/2001 fil-proprjeta` tas-Swatar, u inkwantu ghal €3,354 valur tax-xoghlijiet [*mano d'opera*] li saru mill-appellant, waqt iz-zwieg fis-snin 2000/2001

[6] Il-perit tekniku in eskussjoni qal li "matul iz-zmien [bejn 2000 u 2013] il-valur tax-xoghol zdied b' madwar 50%

**38.** [b] hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000) bhala l-arrikkiment relattiv li ghamlet ir-rikorrenti ingustament a skapitu tal-intimat [nofs il-hamsin elf Euro (€50,000) arrikkiment a skapitu tal-komunjoni].

**39.** Huwa jibbaza dan l-aggravju, u l-ammont pretiz minnu, fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet.

**40.** [1] Illi l-valur tax-xoghlijiet li saru kellu jigi komputat bir-rati vigenti fiz-zmien li nghatat is-sentenza, u mhux bir-rati li kienu jezistu meta fil-fatt sar ix-xoghol. Ghalhekk il-valur ta' dawn ix-xoghlijiet kellu jizdied b'50% u allura s-somma dovuta lill-appellant ghal dawn ix-xoghlijiet kellha tkun ta' wiehed u tletin elf, mija u tnejn Euro (€31,102).[7]

**41.** [2] L-appellant jissottometti *"kif tista' r-rikorrenti tippretendi li l-valur tal-proprjeta' tal-komunjoni ghandu jizdied ghal dak tallum, filwaqt li l-kreditu tal-komunjoni ghas-spejjez li saru fil-proprjeta` parafernali tar-rikorrenti m'ghandhux jizdied ukoll ghall-valur tal-lum?"* Huwa jaghmel din id-domanda retorika biex isostni l-argument tieghu, b'referenza ghall-valutazzjoni tad-dar [ta' Hal Tarxien] proprjeta` tal-komunjoni li giet stmata fil-valur vigenti f'Lulju 2012. Jghid li l-istess kriterju ghandu jigi addottat ghall-kreditu parafernali tieghu.

---

[7] €20,735 /2 + €20,735

**42.** [3] Jghid li *"kieku fis-snin 1998-2001 il-flus tal-komunjoni ntefqu fi proprjeta` immobbli li tappartjeni lill-komunjoni, u mhux sabiex tinbena proprjeta` tar-rikorrenti, il-valur tal-komunjoni llum kien ikun ferm aktar gholi."* L-appellant jghid li d-dar tas-Swatar qatt ma ghex fiha jew uzufruwixxa minnha b'xi mod u *"Lanqas ma r-rikorrenti tista' targumenta li d-dar tas-Swatar kienet xi darba ser isservi bhala d-dar matrimonjali ghaliex fl-affidavit taghha stess taghmilha cara li sa mill-bidu l-intimat qatt ma kien accetta li jmorru jghixu s-Swatar."* Dawn il-flus setghu gew investiti fl-interess tal-komunjoni u mhux fl-interess tal-proprjeta` parafernali tal-appellanti u a skapitu tal-istess komunjoni. Isostni li *"l-intimat mhuwiex jippretendi parti mill-gwadann tar-rikorrenti izda sehemu mit-telf effettiv li sofriet il-komunjoni*[8] *minhabba dak li gara."*

**43.** [4] Illi r-referenza tal-appellata ghall-Artikolu 1331[1] tal-Kap.16 *"lanqas hija korretta ghal kollox peress li tali dispozizzjoni tiehu in konsiderazzjoni biss 'djun' ta' xi parti li ma jkunx saru fl-interess tal-komunjoni"* mentri fil-kaz prezenti si tratta ta' investiment li sa mill-bidu kien fl-interess esklussiv tar-rikorrenti u *"spicca litteralment zvina l-komunjoni mill-qligh kollu li ghamlu l-partijiet fi tlett snin li ghamlu jghixu flimkien."*

**44.** [5] Illi f'dan il-kaz jezistu l-estremi sabiex jigi applikat l-principju stipulati fl-Artikolu 1028A[1] tal-Kap.16 fejn l-appellant ghal sehemu mill-komunjoni

[8] Sottolinear tal-Qorti

ghandu jigi kkumpensat ukoll tal-ispejjez u x-xoghlijiet, ghat-tnaqqis patrimonjali soffert minhabba li r-rikorrenti arrikkiet ruhha ngustament ghad-dannu tieghu [u tal-komunjoni]. Jghid li dan il-kumpens ghandu jkun fil-limiti tal-arrikkiment u ghalhekk iz-zieda fil-valur tal-proprjeta` hija relevanti . Il-valur komplessiv tal-proprjeta` tas-Swatar zdied b'madwar mitt elef Euro (€100,000). Meta wiehed inaqqas nofs tali valur bhala zieda fuq il-valur tal-art u jerga' jiddividi l-bilanc min-nofs, jirrizulta arrikkiment relattiv tal-appellata fil-konfront tal-appellant fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000).

**45.** Fir-rigward tas-sottomissjonijiet premessi, din il-Qorti tosserva li l-principju li jirregola l-kwistjoni sollevata f'dan l-aggravju huwa li l-komunjoni tiehu lura dak li tkun tilfet bil-prelevament li jkun sar minnha, xejn inqas u xejn izjed, ghax huwa dak il-prelevament li jikkostitwixxi t-telf taghha. Dan il-principju gie applikat minn din il-Qorti f'zewg sentenzi moghtija wahda fil-25 ta' April 1938 fil-kawza fl-ismijiet **Elvira Ciantar Vincenti v. Maria Giovanna Liberto**, u l-ohra moghtija ricentement fis-17 ta' Jannar 2011 fil-kawza **Angiolina Galea et v. Gerald Galea et**.

**46.** Fl-ewwel sentenza, citata b'approvazzjoni fit-tieni sentenza gie deciz li l-irkupru ta' proprjeta` parafernali waqt iz-zwieg m'ghandhiex bhala effett li dik il-proprjeta` ssir parti mill-komunjoni tal-akkwisti, *"...u l-komunjoni ma jkollhiex hlief kreditu ghall-flus li tkun harget minhabba dak l-irkupru".* Konformament, fit-tieni sentenza gie deciz li l-fidi ta' utile dominju ta' proprjeta` parafernali

waqt iz-zwieg ma jrendix dik il-proprjeta` tal-komunjoni. Dan proprju ghaliex il-principju hu li l-komunjoni ma tiehux lura hlief dak li jkun ittiehed minnha.

**47.** Dan il-principju huwa rifless f'dak li jiddisponi l-Artikolu 1331[1] tal-Kap.12 li jiddisponi hekk:

> "Kull wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandha taghti lura lill-komunjoni tal-akkwisti kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oggett li parti tista' tkun hadet mill-akkwisti biex thallas djun li ma jaqghax that id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1327, kemm-il darba ma turix li l-att kien wiehed vantagguz ghall-komunjoni jew ikun sar biex jinqdew il-htigijiet tal-familja."

**48.** Il-Qorti tosserva li, ghalkemm din id-dispozizzjoni tal-ligi tirreferi ghal djun tal-konjugi, imma hija applikazzjoni tal-principju li dak li jigi ritornat lill-komunjoni huwa dak li tilfet, u huwa biss meta l-prelevamenti jkunu saru ghall-vantagg tal-komunjoni jew fl-interess taghha li allura ma jissustix l-obbligu ta' radd lura ta' dak li harget, ghax f'dan il-kaz ma tkun tilfet xejn.

**49.** Ferm il-premess, din il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern il-prelevamenti li saru mill-assi tal-komunjoni ghall-finanzjament tal-kostruzzjoni li kienet qed issir fuq proprjeta' parafernali tal-attrici, saru biss a beneficcju ta' din il-proprjeta`, u ghalhekk fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ghandhom jigu kkunsidrati dawk il-prelevamenti li jikkostitwixxu t-telf effettiv li sofriet il-komunjoni, liema telf jikkonsisti fil-flus li hargu mill-komunjoni fiz-zmien tal-prelevament u mhux

fil-valur tal-benefikati bir-rata vigenti fiz-zmien tal-likwidazzjoni. Ghalhekk is-sottomissjoni li l-valur tax-xoghlijiet li saru kellu jigi komputat bir-rati vigenti fiz-zmien li nghatat is-sentenza, u mhux bir-rata vigenti meta saru x-xoghlijiet tmur kontra l-principju fuq indikat u hija ghalhekk legalment insostenibbli.

**50.** Illi huwa wkoll insostenibbli l-paragun maghmul mill-appellant bejn il-valutazzjoni li saret tad-dar ta' Hal Tarxien li hija proprjeta` tal-komunjoni, u l-valutazzjoni ta' dak li sar fil-fond fis-Swatar proprjeta` parafernali tal-appellata, u dan peress li fl-ewwel kaz ix-xoghlijiet li saru fid-dar ta' Hal Tarxien saru mill-assi tal-komunjoni u fl-interess tal-komunjoni, u ghalhekk dak prelevat mill-komunjoni rega' gie restitwit lilha f'xoghlijiet li saru fl-interess taghha stess, filwaqt li dak li gie prelevat mill-komunjoni ghax-xoghlijiet li saru fil-fond tas-Swatar saru esklussivament fl-interess tal-proprjeta` parafernali tal-konjugi, u ghalhekk f'dan l-ahhar kaz il-prelevamenti li saru mill-assi tal-komunjoni jikkostitwixxu biss telf ghall-komunjoni, u huwa <u>dan it-telf</u> li ghandu jigi restitwit lilha mehud in konsiderazzjoni z-zmien meta sar it-telf.

**51.** L-appellant jissottometti fil-paragrafu [3] li la hu u lanqas il-komunjoni ma uzufruwixxew jew gawdew mill-prelevamenti maghmula biex jithallsu x-xoghlijiet fil-proprjeta` tas-Swatar. Jghid li l-appellata stess tghid fl-affidavit taghha li l-appellant ma kienx ried imur joqghod is-Swatar u ma kien hemm ebda hsieb li l-fond li kien qed jinbena kien b'xi mod ser ikun ta' beneficcju ghalih jew ghal komunjoni.

**52.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li fl-ewwel lok l-appellant donnu nesa li fl-affidavit tieghu huwa jghid car u tond hekk: *"Ghalhekk wara li zzewwigna konna ftehmna li nizviluppaw din il-plot bhala dar u meta tkun lesta immorru noqghodu fiha."*[9] Fit-tieni lok, jigi osservat li huwa proprju ghax il-komunjoni ma gawdiet xejn minn dawn ix-xoghlijiet li hi ghandha dritt tiehu lura dak li tilfet.

**53.** L-appellant jilmenta mill-fatt li dawn il-flus tal-komunjoni gew investiti mhux fl-interess tal-komunjoni izda unikament fl-interess tal-proprjeta` parafernali tal-appellata, u ghalhekk il-komunjoni ghandha tibbenefika minn dan l-investiment li sar bi flusha fi proprjeta` li ma tappartjenix lilha, billi tinghata somma ta' flus ekwivalenti ghal-valur tal-benefikati, komputati bir-rati vigenti fiz-zmien tal-likwidazzjoni, li saru fuq proprjeta` parafernali tal-appellata. Fir-rigward il-Qorti tosserva li, dan huwa legalment insostenibbli, kemm ghax ma jsibx sostenn f'dispozizzjoni espressa tal-ligi, kif ukoll ghax imur kontra l-principju li l-komunjoni tiehu lura biss dak li tilfet u mhux dak li setghet takkwista li kieku l-prelevamenti li saru mill-assi taghha gew impjegati mod iehor. Inoltre, u b'enfazi jinghad li l-prelevamenti mill-assi tal-komunjoni ghall-finanzjament tad-dar fis-Swatar saru bil-konoxxenza tal-appellant, u bi qbil mieghu, tant li hu kien ghamel xi xoghlijiet fl-istess dar. Il-partijiet kienu hadu decizjoni li jimpjegaw flus tal-komunjoni ghal dan il-ghan, u ghalhekk

[9] Fol.75

mhux legalment konsentit li, fin-nuqqas ta’ ftehim f’dan is-sens, l-appellant jippretendi li l-appellata trodd lill-komunjoni somma akbar minn dik prelevata mill-komunjoni.

**54.** Finalment jinghad li s-sottomissjoni tal-appellant maghmula b’referenza ghall-Artikolu 1028A[1] tal-Kap.16 tikkontjeni argument legali gdid li ma kienx tqajjem quddiem l-ewwel Qorti, u fir-rigward jinsab ritenut li *“jkun sovversjoni tad-dritt kieku jigi permess li qorti ta’ revizjoni tezamina kwistjoni sollevata noviter deductus fir-rikors tal-appell.”*[10]

Ghaldaqstant dan l-aggravju mhux ser jigi ezaminat ulterjorment.

*Ir-raba’ aggravju*

**55.** Dan l-aggravju huwa dipendenti fuq l-ewwel aggravju li permezz tieghu l-appellant isostni li ghat-tifrik taz-zwieg huma imputabbli z-zewg partijiet, u ladarba ma giex provat li huwa kkommetta adulterju jew abbandun allura m’ghandux jigi applikat fil-konfront tieghu d-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap.16.

**56.** Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha dwar l-ewwel aggravju, u ghall-konkluzjoni taghha li ghall-

[10] App.Inf ***Michael George Done v. Rimus Riley Limited***, deciza 27 Frar 2009

hall taz-zwieg jahti biss l-appellant principalment minhabba r-relazzjoni adulteruza tieghu, u ghalhekk huwa applikabbli *ex lege* l-Artikolu 48.

**57.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*Il-hames aggravju*

**58.** Dan hu fis-sens li l-appellant m'ghandux ibati l-ispejjez kollha relatati mal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, izda dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**59.** Din il-Qorti tosserva li tenut kont li l-appellant huwa unikament responsabbli ghall-hall taz-zwieg, allura huwa ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-ewwel istanza, u parti sostanzjali [$^4/_5$] ta' dawk relatati mal-appell.

**60.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat in kwantu jirreferi ghall-ispejjez tal-ewwel istanza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi tilqghu limitatament fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-appellant ihallas lill-appellata manteniment ta’ hames Euro (€5) fix-xahar, u tirrevoka din il-parti tas-sentenza, u, minflok tafferma d-dritt tal-appellata li tezigi manteniment minghand l-appellant, bhala parti sokkombenti f’dawn il-proceduri, fil-kaz li hi tisfa’ fil-bzonn u minghajr mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha; tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell jithallsu inkwantu ghal erbgha minn hamsa [$^{4}/_{5}$] mill-appellant, u r-rimanenti kwint [$^{1}/_{5}$] jithallas mill-appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------